# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 853/18/1 MH**

**Mizzi Group Limited (C – 21948), Unitrade Limited (C – 9456), Millennia Limited (C – 22784) u Joseph Vincent *sive* Jovan Mizzi**

**v.**

**Desmond Mizzi, D.M. Holdings Limited (C – 8404) u HSBC Bank Malta p.l.c. (C – 3177)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2023, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") illi biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti laqgħet uħud mill-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-imħarrkin u

sabet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni taħt għadd ta' dispożizzjonijiet differenti u b'hekk ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi;

2. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") fetħu l-kawża biex, għar-raġunijiet hemm imfissrin, jitolbu li l-Qorti: (i) issib li l-intimati Desmond Mizzi (aktar 'il quddiem imsejjaħ "DM") u D.M. Holdings Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "DMH") kienu assumew ir-responsabbiltà għall-ħlas tad-dejn maqbul bejniethom fi ftehim li sar fis-17 ta' Ġunju, 2005, u li tħallas minn DM fil-kuntratt pubbliku tat-18 ta' Mejju, 2010[1], mal-Bank imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "HSBC"); (ii) issib li DM ma seta' qatt ikun surrogat fil-jeddijiet ta' HSBC meta wettaq dak il-ħlas; (iii) issib li, bil-ħlas imwettaq minn DM lil HSBC fl-imsemmi kuntratt, id-dejn u t-titolu eżekuttiv relattiv intfew u ġew fix-xejn; (iv) issib li DM u DMH bl-imġiba tagħhom, b'mod partikolari bil-kuntratt tat-18 ta' Mejju, 2010, imxew b'mod abbużiv u illegali fil-konfront tagħhom; (v) issib li l-imġiba ta' DM meta resaq fuq il-kuntratt tat-18 ta' Mejju, 2010, kienet tissarraf fi ksur tal-obbligi fiduċjarji tiegħu bħala direttur tal-kumpanija attriċi Mizzi Group Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa "MG"); (vi) issib li HSBC ma mexiex b'*bona fidi* meta ssurroga lil DM fil-jeddijiet ipotekarji tiegħu u b'hekk ħa sehem fl-imġiba illegali ta' DM u DMH bi ħsara għalihom (l-atturi); u (vii) tordna r-rexxissjoni ta' dik il-parti mill-kuntratt tat-18 ta' Mejju, 2010, li

[1] Dok "JM4", f'paġ. 39 sa 45 tal-proċess.

tirrigwarda s-surroga fil-jeddijiet ta' HSBC. Fl-att promotur oriġinali, l-atturi kienu ressqu żewġ talbiet oħrajn (marbutin mal-bejgħ *sub hasta* ta' fond fil-Fgura), imma rrinunzjaw għalihom;

3. Għall-imsemmija azzjoni, kemm DM u DMH u kif ukoll HSBC laqgħu b'eċċezzjonijiet preliminari li jgħidu li dik l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni. Fil-każ ta' HSBC, qajjem il-preskrizzjoni taħt l-Artikoli 1222 u 1224 tal-Kodiċi Ċivili, sa fejn l-azzjoni attriċi titlob il-bdil tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju, 2010 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kuntratt"). Fil-każ ta' DM u DMH, qajmu l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' dawk it-talbiet li jirrigwardaw il-bdil tal-Kuntratt;

4. Ġara li b'rikors imressaq fl-1 ta' Marzu, 2019, l-atturi talbu lill-Ewwel Qorti tħallihom iżidu tliet (3) talbiet ġodda u jirrinunzjaw għall-aħħar tnejn mit-talbiet oriġinali tagħhom. L-Ewwel Qorti laqgħet dik it-talba. Għalhekk, l-atturi talbu li dik il-Qorti: (viii) issib li huma ġarrbu danni minħabba l-imġiba tal-imħarrkin, jew min minnhom, b'mod partikolari bis-surroga li saret fil-Kuntratt u/jew bil-bejgħ *sub hasta* tal-fond fil-Fgura; (ix) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' periti, id-danni hekk imġarrbin; u (x) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati;

5. Wara li sar il-bdil fit-talbiet attriċi, DM u DMH ressqu eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri (fost oħrajn) li bihom, sa fejn l-azzjoni tirrigwarda t-talbiet il-ġodda dwar id-danni, qalu li dik l-azzjoni kienet waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-Artikolu 2153 u dik tal-ħames snin maħsuba fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa l-oħra, HSBC ukoll qajjem l-istess eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri fosthom dawk dwar il-preskrizzjoni;

6. Is-sentenza appellata laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni kollha mqajma mill-intimati;

7. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "*8. Jiġi sottolineat fl-ewwel lok li - kif inhuwa kristalizzat anke fil-ġurisprudenza – dawn l-eċċezzjonijiet jeħtieġ li jiġu analizzati fil-kuntest u fil-parametri tal-azzjoni kif intavolata. Dan fid-dawl tal-fatt li ż-żmien li minnu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni jrid jiġi kalkolat ai termini ta' kif hija arġinata l-kawża proposta mir-rikorrenti.*
>
> *Omissis*
>
> *10. Minn ħarsa lejn ir-rikors ġuramentat il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti li b'rabta magħhom tressqu l-eċċezjonijiet mertu ta' din il-kawża huma mibnija fuq dawn il-binarji –*
>
> > *a) Allegat aġir abbużiv u illegali da parti tal-intimat Desmond Mizzi qua direttur tas-soċjetà Mizzi Group li wasslu għal ksur ta' obbligi fiduċjarji fil-konfront tar-rikorrenti;*
> >
> > *b) Parteċipazzjoni tal-intimat HSBC f'dan l-allegat aġir illegali.*
>
> *Tajjeb jingħad li għalkemm fil-premessi r-rikorrenti rreferew għal "aġir abbużiv, illegali u frawdolenti" da parti tal-intimati, senjatament fit-talbiet infushom huma ma rreferewx għar-reat ta' frodi u ma għamlu ebda talba*

*b'rabta miegħu. Hija għalhekk fil-limitu tat-talbiet magħżula mill-istess atturi, u kif minnhom imressqa lil Qorti hi dovuta tikkusidra jekk iddekkorix iż-żmien preskrittiv.*

*Per konsegwenza ta' dan l-allegat aġir da parti tal-intimati, r-rikorrenti qegħdin jitolbu r-rexxissjoni ta' parti mill-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 fejn saret is-surroga lil Desmond Mizzi u l-likwidazzjoni u ħlas ta' danni naxxenti mill-att ta' surroga tat-18 ta' Mejju 2010 u/jew il-bejgħ bl-irkant tat-28 t'Ottubru 2010.*

*11. Ferm il-premess, il-Qorti sejra tipproċedi bl-eżami tal-eċċezzjonijiet preliminari in kwistjoni.*

***Eċċezzjonijiet ai termini tal-artikoli 1222 u 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta***

*12.* ***L-ewwel eċċezzjoni tal-Bank intimat tgħid hekk*** *–*

> *"Illi preliminjarjament, it-talbiet relatati mal-varjanza tal-kuntratt huma illum preskritti ai termini tal-artikoli 1222 tal-Kodiċi Ċivili stante li biex kuntratt jiġi varjat jew impunjat talli kawża kellha issir entro sentejn mid-data tal-kuntratt jew fin-nuqqas tal-kriterji stabbiliti skont l-istess artiklu, tali talbiet huma perenti bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artiklu 1224 tal-Kodiċi Ċivili".*

*13.* ***It-tieni eċċezzjoni tal-intimati Desmond Mizzi et*** *tgħid hekk – "Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba għar-rexissjoni in parte tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, hija perenta bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili."*

***14. L-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jipprovdi hekk –*

> *"1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*
>
> *(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza".*

*15. Imbagħad,* ***l-artikolu 1223 (1) tal-Kap imsemmi*** *jispeċifika t-terminu minn meta jibdew jiddekorru dawn is-sentejn –*

> *"Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza,minn dak in-nhar li jinkixef id-difett".*

*omissis*

*17.* ***L-artikolu 1224 tal-Kap 16*** *jipprovdi hekk –*

*"F'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni egħluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi".*

*18.* ***L-artikolu 2153 tal-Kap 16*** *jipprovdi hekk–*

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

*19. Intqal hekk fil-każ* ***Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et*** *deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013*[2]*-*

*"Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l'azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest'ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726)".*

*Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-każ* ***Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016***[3] *–*

*"L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk: "Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[4] *(Ara wkoll f'dan is-sens issentenza fl-ismijiet Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*"Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini taddeterminazzjoni tal-preskrizzjoni purché din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibbilità li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista'*

[2] Ċit 353/05.
[3] Rik Ġur 1051/2007.
[4] **John Grech v. Ivan Mifsud et** P.A. deċiża fl-1 ta' April 2003.

*titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikoltà fattwali li seta' jirriskontra ttitular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibbilità li jaġixxi".*

*Għalhekk, il-mument minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni huwa minn meta tkun seħħet il-ħsara lamentata, u mhux minn meta l-persuna konċernata tinduna biha.* ***It-test huwa kwindi wieħed oġġettiv****.*

*20.* ***L-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16*** *jipprovdi hekk –*

*"2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(....)*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku";*

*21. Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ* ***Montebello Enterprises Ltd vs Paolo Soldi et deċiż fil-25 ta' Novembru 2015*** *–*

*"Illi bħal kull eċċezzjoni oħra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 hija soġġetta għal interpretazzjoni eiusdem generis.*

*Għaldaqstant, il-kelma "kreditu" minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tiġbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bħal jeddijiet l-oħra imsemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min jgħid li l-ebda wieħed mill-krediti imsemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus.*

*Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet '****Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino****' deċiża fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn ingħad illi: "Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispożizzjoni tal-liġi 'l fuq indikata jirrigwardaw bħala regola dawk li jkollhom bħala oġġett flus; jiġifieri dawk tal-prestazzjonijiet aċċessorji, jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus. Kull kreditu ieħor, hemm imsemmi ma għandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispożizzjoni u li jkollu l-istess natura bħal flus."*

*Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti, jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem*

> *oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus".*

*22. Marbuta ma' dan l-artikolu hemm il-ġurament li d-debitur irid jieħu ai termini tal-artikolu 2160 (1) tal-Kap 16 li jipprovdi hekk –*

> *"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149,* ***2156***[5] *u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa".*

*23. Il-perjodu preskrittiv b'rabta ma' din l-eċċezzjoni jibda għaddej minn dakinhar li setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni.*

***Ikkunsidrat:***

*24. B'referenza għall-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif intwera mis-suespost, dan huwa applikabbli f'każ ta' "azzjoni għar-rexxisjoni minħabba....għemil doluż" u għalhekk ċertament li japplika għall-każ tal-lum ġaladarba huwa l-allegat għemil abbużiv u illegali tal-intimati li wassal għat-talba ta' rexxissjoni tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 safejn jolqot is-surroga mogħtija lil Desmond Mizzi mill-HSBC.*

*25. Peress li ai termini tal-artikolu 1223 tal-Kap 16 suċċitat, fil-każ ta' għemil doluż il-preskrizzjoni hija meqjusa li tibda tiddekorri "minn dakinhar li jinkixef id-difett" dan ifisser li għall-fini tal-kawża odjerna iż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej minn dakinhar li huma jitqiesu li saru jafu bil-ftehim tat-18 ta' Mejju 2010.*

*26. Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti vagament jissottomettu li kien biss fil-perjodu "riċenti"[6] qabel ma nfetħet il-kawża li saru jafu bih dan il-kuntratt. Però din il-linja ta' difiża ftit li xejn treġi u hija piutost fjakka. Ta' min isemmi fl-ewwel lok li fl-atti tal-proċeduri ta' subbasta numru 81/09 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Mizzi Group Limited kien hemm numru ta' istanzi li fihom l-istess Mizzi Group kellha opportunitajiet ampji li bihom issir taf bl-eżistenza ta' dan il-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010. Biss biss, fil-15 ta' Lulju 2010 l-intimat Desmond Mizzi kien intavola r-rikors sabiex jassumi l-atti tas-subbasta numru 81/09 flismijiet HSBC Bank Malta plc vs Mizzi Group Limited" u fih kien irrefera direttament għall-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010[7]u ppreżenta fl-atti kopja tiegħu[8]. Fuq ordni tal-Qorti huwa sussegwentement reġa' ppreżenta kopja oħra ta' dan il-ftehim din id-darba awtentikata[9]. Hija nverosimili li f'dik l-epoka Mizzi Group ma saritx taf b'dan il-kuntratt esibit darbtejn fl-atti tas-subbasta li kienet qed issir kontriha stess. Iżda jekk dan ma kienx biżżejjed, jirriżulta wkoll li in segwitu għall-preżentata tal-kuntratt imsemmi, Mizzi Group ġiet ukoll notifikata bl-avviż tas-*

---

[5] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti.
[6] Jgħid 'riċntement' fil-premessi fir-rikors ġuramentat.
[7] Fol. 187.
[8] Fol. 188.
[9] Fol. 197 *et seq.*

*subbasta. Ukoll il-liberazzjoni tal-fond @240, Triq Ħaż-Żabbar il-Fgura a favur l-intimat Desmond Mizzi ġiet insinwata fir-Reġistru Pubbliku fit-28 t'Ottubru 2010*[10]*. Jekk nonostante dan, sa dakinhar, Mizzi Group kienet stranament għadha ma ndunatx u baqgħet fid-dlam bil-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010, saret sussegwentement ċedola ta' kompensazzjoni da parti ta' Desmond Mizzi fid-29 t'Ottubru 2010*[11] *li ġiet* ***notifikata*** *lil Mizzi Group fil-15 ta' Frar 2011*[12]*. Għalhekk, anke jekk jiġi meqjus li Mizzi Group saret konxja ta' dan il-kuntratt almenu fis-sena 2011, xorta hemm distakk ta' seba' snin bejn dakinhar u l-intavolar tal-kawża. Mela l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1222 kienet ilha li skadiet.*

*27.* ***Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank HSBC sejra tiġi milqugħa ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.***

*28. Min-naħa tagħhom l-intimati l-oħra jissollevaw il-preskrizzjoni kwinkwennali tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*29. Għal fini ta' din l-eċċezzjoni, wieħed mill-ilmenti tar-rikorrenti huwa li meta fil-kuntratt ta' surroga tat-18 ta' Mejju 2010 l-intimat Desmond Mizzi ħallas id-dejn li permezz tal-ftehim ta' Ġunju 2005 huwa kien assuma r-responsabbiltà tiegħu, dik l-obbligazzjoni kellha tiġi meqjusa estinta. Kwindi, fil-fehma tar-rikorrenti, l-istess Desmond Mizzi ma seta' qatt jiġi surrogat fid-drittijiet tal-HSBC fil-konfront ta' Mizzi Group. Għar-rikorrenti dan l-aġir abbużiv u illegali jikkostitwixxi ksur tal-obbligi fiduċjarji ta' Desmond Mizzi bħala direttur tas-soċjetà Mizzi Group. Bħala konsegwenza, fil-ħames u fis-seba' talba tar-rikors ġuramentat huma qegħdin jitolbu rispettivament li l-intimat Desmond Mizzi jiġi dikjarat li kiser l-obbligi fiduċjari tiegħu kif imsemmi kif ukoll li tiġi ordnata r-rexissjoni in parte tal-ftehim tal-2010 u ċjoè dik il-parti fejn l-intimat Desmond Mizzi ġie surrogat fid-drittijiet tal-HSBC fil-konfront ta' Mizzi Group;*

*30. L-artikolu 1124A (1) tal-Kap 16 kif viġenti fl-epoka tal-każ kien jipprovdi hekk –*

> *"Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imgieba fejn persuna (il-"fiducjarju") –*
>
> *(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*
>
> *(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew ikollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*

---

[10] Fol. 86.
[11] Fol. 218.
[12] Fol. 221.

*(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett".*

*31. Jiġi osservat li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[13] ir-rikorrenti jargumentaw ukoll li b'dan l-akkadut li wassal għas-surroga fil-ftehim ta' Mejju 2010, anke l-HSBC, fil-vesti tiegħu ta' Bank tas-soċjetà Mizzi Group, kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu ukoll fil-konfront tal-istess soċjetà Mizzi Group. Il-Qorti iżda tirrileva iżda li dawn l-argumenti fil-konfront tal-Bank intimat mhumhiex riflessi fit-talbiet tar-rikors promotur. Infatti, l-unika talba li hemm għal dikjarazzjoni b'rabta ma' ksur ta' obbligi fiduċjarji hija dik fit-talba numru ħamsa fil-konfront biss tal-intimat Desmond Mizzi.*

*32. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża* ***John Micallef noe vs Jeffrey Mizzi****, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012 –*

*"Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita".*

*33. Għalhekk, ladarba l-pretensjonijiet tar-rikorrenti għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' obbligi fiduċjarji fil-konfront ta' Mizzi Group huma riferibbli biss għal Desmond Mizzi, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'rabta mal-allegat ksur tal-obbligi fiduċjarji msemmija ser tiġi meqjusa biss fir-rigward tal-intimat imsemmi Desmond Mizzi.*

*34. Skont l-artikolu 1224 tal-Kap 16, it-terminu preskrittiv jibda għaddej "minn dak inhar li l-azzjoni tista' titmexxa" u ċjoè minn dak inhar tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 u mhux minn meta r-rikorrenti se mai saru jafu bih.*

*35. Bħala stat ta' fatt, għalkemm il-ftehim parzjalment impunjat sar fit-18 ta' Mejju 2010, il-kawża odjerna ġiet intavolata fit-22 t'Awwissu 2018 u kwindi 8 snin wara. Ma jirriżultax li fil-frattemp ir-rikorrenti kienu interrompew dan iż-żmien b'xi att ġudizzjarju. M'hemmx dubju għalhekk li fil-mument meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, l-azzjoni tar-rikorrenti sa fejn jirrigwarda l-allegat ksur tal-obbligi fiduċjarji da parti tal-intimat Desmond Mizzi kienet perenta bid-dekors taż-żmien ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap 16.*

[13] Fol. 363.

*36. Sabiex jilqgħu għall-eċċezzjoni in eżami, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-artikolu 1124F tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi għall-preskrizzjoni fejn jidħlu obbligi fiduċjarji –*

> *"(1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, azzjoni li tinġieb kontra l-fiduċjarju jew persuna li titqies bħala tali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A – (a) għal xi frodi jew diżonestà li fir-rigward tagħhom dik il-persuna kienet parti jew kellha għarfien; jew (b) għall-irkupru mingħand il-fiduċjarju, jew kwalunkwe persuna meqjusa bħala fiduċjarju kif stabbilit hawn qabel, ta' kull proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji jew li l-fiduċjarju jkun preċedentement irċieva u kkonverta għall-użu tiegħu, jew għall-benefiċċji jew gwadann li jkun irċieva bħala riżultat tal-ksur tal-obbligazzjonijiet, m'għandhiex tiġi preskritta minkejja l-iskadenza taż-żmien".*

*37. Jiġi sottolineat però li dan l-artikolu ma huwiex applikabbli għall-każ odjern stante li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2018 permezz tal-Att XXXVI tal-2018 u kwindi wara li l-kawża odjerna kienet ġiet intavolata (22 t'Awwissu 2018). A skans ta' kull ekwivoku, l-artikolu 1124J (ċ) tal-Att jipprovdi li*

> *"id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha li jkunu jeżistu fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jew kwalunkwe emendi fir-rigward, anke jekk jirriżultaw qabel tali data, kif ukoll għal kwalunkwe obbligazzjonijiet fiduċjarji li jirriżultaw sussegwentement:*
>
> *Iżda dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw retrospettivament meta l-effett tagħhom ikun li jċaħħad jew jirrestrinġi kwalunkwe dritt vestit jew li joħloq xi responsabbiltà li ma kinitx teżisti fil-liġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet";*

*38. Għalhekk, permezz ta' din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi applikata retroattivament u kwindi ma tinnewtralizzax il-kunsiderazzjonijiet preċedenti tal-Qorti u ladarba għalhekk il-pretensjonijiet surreferiti tar-rikorrenti kienu diġà ġew preskritti, dawn ma jistgħux jerġgħu jingħataw il-ħajja permezz ta' dispożizzjoni ta' liġi sussegwenti[14].*

*39. F'dan il-kuntest issir referenza għall-każ* ***Ballut Blocks Services Ltd vs Bonnici Bros. Contractors Ltd et*** *deċiż fl-1 ta Diċembru 2020 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk –*

> *"Il-prinċipju li jirregola liġi sostantiva għandu, min-naħa l-oħra, jkun oppost. Peress li tali liġi jkollha l-iskop li tirregola l-aġir tac-ċittadini fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' Awtorità governattiva, din m'għandhiex ikollha effett retroattiv, fis-sens li ma tistax tikkontrolla aġir li jkun ga seħħ meta saret il-liġi! Kull ċittadin għandu dritt jirregola l-aġir u l-kuntratti tiegħu a bazi tal-liġijiet viġenti u fis-seħħ metta seħħ dak l-*

[14] Ara fir-rigward in tematika dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fuq nuqqas ta' retroattività fid-deċiżjoni fl-ismijiet L-Avukat Anthony DeGaetano et. vs Ministru Ġustizzja et. deċiża 25/01/2023.

*aġir u mhux preżunt li l-Leġislatur sejjer, bil-liġi li saret illum, jirregola dak li seħħ il-bierah.*

*Ovvjament, il-Leġislatur jista' fil-limiti tal-poteri tiegħu, jittanta li jilleġisla anke għal dak li seħħ fil-passat, però, biex jagħmel dan, irid jagħmlu espressament, għax bħala regola u in prinċipju, ir-regoli ta' natura sostantiva huma meqjusa li l-effett tagħhom ikun biss proattiv; dan in omaġġ għall-prinċipju Ruman li lex non habet oculos retro";*

*40. Għal kull buon fini jingħad ukoll li r-referenza li għamlu r-rikorrenti għas-sentenza fl-ismijiet* ***Rosario Attard et vs Zenith Finance Ltd*** *deċiża fit-2 ta' Ġunju 2022 dwar l-applikabilità tal-artikolu 1124F tal-Kap 16 għall-każ odjern[15] ma treġix stante li, minn verifiki li għamlet il-Qorti[16] f'dak il-każ, il-kawża kienet ġiet intavolata fid-9 ta' Ġunju 2020 u kwindi ferm wara li daħlu fis-seħħ l-emendi bl-Att XXXVI tal-2018.*

*41. Inoltre, lanqas ireġi l-argument tar-rikorrenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom li "kien hemm ksur ta' kull terminu preskrittiv kawża ta' numru ta' azzjonijiet ġudizzjarji li saru nel frattemp, u li kienu jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet tal-partijiet emerġenti mill-Ftehim u l-ħlas tad-dejn lill-Bank HSBC[17]". Minn verifiki li għal darb'oħra għamlet il-Qorti[18] jirriżulta li mhux biss il-mertu mhuwiex identiku iżda lanqas il-partijiet kollha fil-kawża odjerna m'huma parti mill-kawżi kollha msemmija mir-rikorrenti fin-Nota msemmija. Frankament, kif anke tajjeb irrimarkaw id-difensuri tal-intimati waqt it-trattazjoni, li kieku dan kien il-każ, ma kienx ikun hemm kwistjoni ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni iżda ta' 'lis alibi pendens'.*

*44.* ***Fid-dawl tas-suespost it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Desmond Mizzi ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili timmerita li tiġi akkolta.***

***Ikkunsidrat:***

*45. Jifdal għalhekk l-eċċezzjonijiet b'rabta mat-talba għad-danni naxxenti mill-att tas-surroga tat-18 ta' Mejju 2010 u/jew il-bejgħ bl-irkant.*

*46. Għalkemm l-intimati jirreferu għal żewġ artikoli tal-Kap 16 u ċjoè l-artikolu 2153 u l-artikolu 2156 (f), il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa applikabbli l-artikolu 2156 (f) stante li l-allegati danni huma naxxenti minn kuntratt ta' surroga li sar f'Mejju 2010, liema surroga ġiet inkorporata fil-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant numru 81/09.*

*47. Kif ingħad fis-suespost, it-terminu preskrittiv jibda għaddej minn dakinhar li setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni u ċjoè mid-data tal-att tas-surroga fit-18 ta' Mejju 2010 u/jew mid-data tal-bejgħ bl-irkant fit-28*

---

[15] Fol 366 para 25.
[16] ecourts.gov.mt.
[17] Fol 364 para 15(iv).
[18] *Ibid.*

*t'Ottubru 2010. B'hekk miż-żewġ dati għaddew circa 8 snin sakemm infetħu l-proċeduri odjerni.*

*48. Inoltre, għall-fini tal-artikolu 2160 (1) tal-Kap 16, kif intwera mis-sinteżi tal-provi fis-suespost, kemm Desmond Mizzi kemm f'ismu personali kif ukoll għan-nom ta' D.M. Holdings u anke Brian Baldacchino għan-nom tal-Bank intimat ikkonfermaw bil-ġurament li ħadd minnhom mhu debitur tar-rikorrenti għal xi danni.*

*49.* ***Dan ifisser li anke fir-rigward tat-talba għad-danni, l-azzjoni tarrikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16***";

8. Billi l-appellanti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza, bir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-22 ta' Marzu, 2023, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tagħhom u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellati u terġa' tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-każ fil-mertu, għajr għal dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet li din il-Qorti jidhrulha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

9. HSBC laqa' għall-imsemmi appell billi b'Risposta mressqa minnu fil-25 ta' April, 2023, u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li din il-Qorti jmissha tiċħdu għalkollox u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

10. Bl-istess mod u għar-raġunijiet imsemmija minnhom fir-Risposta mressqa minnhom fit-23 ta' Ġunju, 2023, l-appellati Desmond Mizzi u

D.M. Holdings Limited qalu li l-appell interpost mill-atturi għandu jkun miċħud, bl-ispejjeż a karigu tal-istess atturi appellanti;

11. Fid-19 ta' Ottubru, 2023[19], is-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef ressaq Nota ta' astensjoni, konformement ma' provvediment li huwa ta dakinhar[20] fuq rikors imressaq mill-appellanti fis-6 ta' Settembru, 2023[21], li fih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbuh jikkunsidra li jastjeni milli jippresjedi l-Qorti f'dan l-appell;

12. Wara s-surroga tat-23 ta' Ottubru, 2023[22], li bis-saħħa tagħha l-Qorti twettqet kif issa komposta, u fid-dawl ta' talba mressqa mill-appellanti b'rikors tagħhom tas-6 ta' Settembru, 2023, din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ għall-għanijiet tal-Artikolu 152(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Jannar, 2024[23], li fih l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li kienu joqogħdu fuq l-atti miktuba, ħlief li talbu li jitħallew iressqu Nota ta' Riferenzi u l-Qorti tathom żmien biex jagħmlu dan u ħalliet l-appell għal-lum għall-għoti tas-sentenza;

---

[19] Paġ. 434 tal-proċess.
[20] Paġ. 440 tal-proċess.
[21] Paġ. 435 tal-proċess.
[22] Paġ. 441 tal-proċess.
[23] Paġ. 453 tal-proċess.

14. Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda n-Nota ta' Replika mressqa mill-appellanti fis-26 ta' Jannar, 2024[24], u n-Nota Responsiva ta' HSBC tat-12 ta' Frar, 2024;

**Ikkunsidrat:**

15. L-appellanti qajmu **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: bl-ewwel aggravju, jgħidu li l-Ewwel Qorti ma fehmitx x'inhuma l-elementi tal-azzjoni mibdija minnhom u għalhekk ħaddmet regoli tal-preskrizzjoni li ma jgħoddux għaliha, għaliex l-azzjoni attriċi ma kinitx waħda li titlob ir-rexxissjoni, imma waħda msejsa fuq "leżjoni kuntrattwali tal-obbligi naxxenti mill-Ftehim tal-2005 kawża ta' aġir abbużiv, illegali u frawdolenti da parti tal-appellat Desmond Mizzi u bil-parteċipazzjoni u l-kompliċità, ukoll frawdolenti, tal-bank appellat HSBC li *di natura* għandu obbligi fiduċjarji *ex lege*" lejhom; bit-tieni aggravju (marbut sfiq ma' dak ta' qablu), jgħidu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament u applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta qieset li l-azzjoni tagħhom waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-Artikoli 1222 u 1224 tal-Kodiċi Ċivili; u, fit-tielet aggravju (marbut ma' ta' qablu wkoll), jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset meta ħaddmet il-preskrizzjoni maħsuba fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, dwar it-talbiet il-ġodda li kienet tħalliet tressaq minn dik l-istess Qorti;

---

[24] Paġ. 455 – 7 tal-proċess.

16. L-appellanti jfissru l-**ewwel aggravju** billi jgħidu li l-"*fundamentum agenda*" tal-azzjoni mnedija minnhom kienet il-ksur kuntrattwali qarrieq min-naħa ta' DM dwar il-ftehim li kien intlaħaq bejniethom f'Ġunju tal-2005 dwar kif, fost l-oħrajn, kellhom jinqasmu d-djun ta' Mizzi Group u min kellu jassumi r-responsabbiltà tagħhom, flimkien mal-"kompliċità wkoll frawdolenta" ta' HSBC f'dan il-ksur. Jisħqu li l-Ewwel Qorti ma għarfitx in-natura tal-azzjoni tagħhom u ma mxietx sewwa meta qisitha bħala talba għar-rexxissjoni, meta minn disa' (9) talbiet (oriġinali), waħda minnhom biss – is-seba' talba – kienet titkellem dwar rexxissjoni (f'parti minnu) tal-Kuntratt, liema talba kienet il-konsegwenza tal-ksur tal-ftehim tal-2005. Jgħidu li l-għemil frawdolenti bi ħsara tagħhom twettaq minn DM, DMH u HSBC f'dak l-att nutarili u ma jifhmux kif l-Ewwel Qorti qalet li l-frodi ma tissemma mkien, meta kellha quddiemha r-raba' talba. Bl-istess mod ukoll ma jifhmux kif l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kienet tressqet l-ebda talba għas-sejbien ta' ksur ta' obbligi fiduċjarji min-naħa ta' HSBC, meta s-sitt talba kienet timplika dan b'mod ċar ladarba l-funzjoni tal-istess Bank f'din il-ġrajja kollha kienet waħda fiduċjarja min-natura tagħha u jekk, meta kienu jitressqu l-provi, kien joħroġ li HSBC ma mexiex b'*bona fidi*. L-appellanti jgħidu li t-tifsir ta' talbiet kif imressqa ma jsirx biss b'qari sempliċi litterali tagħhom, imma, u fuq kollox, bil-valutazzjoni sostanzjali tagħhom[25], u b'hekk iqisu li l-Ewwel Qorti marret lil hinn minn dak li ntalbet ("*ultra petita*");

[25] Jiċċitaw App. Inf. PS **1.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Baruni Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Paola Deguara et.***

17. B'żieda ma' dan kollu, l-appellanti joħorġu b'dikjarazzjoni[26] li l-Ewwel Qorti naqset milli tifhem u tapprezza li dak li qed jintalab fir-rikors maħluf tagħhom huwa "sostanzjalment dikjarazzjoni ta' nullità assoluta tal-att (nutarili) tal-2010" ladarba DM ma seta' qatt ikun surrogat fil-jeddijiet ta' HSBC, kif joħroġ mit-tieni talba attriċi. Għalhekk, jekk l-att nutarili msemmi qatt ma eżista, l-azzjoni ma setgħet taqa' qatt bil-preskrizzjoni għaliex "fir-rigward ta' dak li huwa null assolutament ma jista' qatt jiddekorri ż-żmien għar-rexxissjoni tiegħu";

18. HSBC, wara li wera li ma jaqbilx ma' xi fatti kif imsemmija mill-appellanti fl-appell tagħhom, iwarrab b'qawwa dan l-aggravju għaliex jgħid li l-Ewwel Qorti kienet marbuta li toqgħod ma' dak mitlub, u hekk għamlet fil-fatt fis-sentenza appellata, meta ġiet biex tqis l-eċċezzjonijiet li kienu tqajmu minnu u minn DM u DMH. Jisħaq li l-ewwel sitt talbiet attriċi huma talbiet dikjaratorji li jwasslu għas-seba' talba li trid b'mod ċar ir-rexxissjoni tal-Kuntratt, u l-eċċezzjonijiet preliminari li qajjem kienu maħsuba biex jindirizzaw lil dik is-sitt talba, li kienet it-talba "sostantiva" għat-talbiet dikjaratorji ta' qabilha u dawk (ġodda u miżjuda waqt li diġà kienet miexja l-kawża) dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. Itennu li l-Ewwel Qorti qieset tajjeb li ma kienet saret l-ebda talba dwar għemil bi frodi jew qerq, u li lanqas saret talba speċifika dwar ksur ta' xi obbligi

[26] §3.2.6 f'paġ. 402 tal-proċess.

fiduċjarji min-naħa tiegħu meta resaq fuq l-imsemmi kuntratt ma' DM. Fl-aħħarnett, HSBC jirrileva li l-azzjoni attriċi tant kienet waħda maħsuba għar-rexxissjoni tal-Kuntratt, li s-seba' talba trid biss it-tħassir *in parte* ta' dak il-kuntratt u mhux dikjarazzjoni li kien bla siwi;

19. L-appellati DM u DMH jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li, hekk kif l-appellanti raw x'għamla ta' eċċezzjonijiet tqajmu kontra l-azzjoni kif magħmula, qegħdin jippruvaw ibiddlu n-natura tal-azzjoni billi jiċħdu li talbu dak li jidher iswed fuq l-abjad. Is-seba' talba ssemmi speċifikatament ir-rexxissjoni tal-Kuntratt, u dik it-talba hija ġuridikament distinta minn dikjarazzjoni jew sejbien ta' ineżistenza jew in-nullità assoluta tiegħu. Mit-talba kif imfassla, l-appellanti ma jistgħux jaħarbu;

20. Il-Qorti tqis li l-aggravju mhux tajjeb għaliex jidhrilha li l-appellanti qegħdin jgħabbu lill-Ewwel Qorti b'nuqqas ta' apprezzament siewi tal-għamla ta' azzjoni li huma ressqu meta, fis-sewwa, dak l-apprezzament kien wieħed xieraq u meħtieġ biex jindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari li dwarhom ingħatat is-sentenza appellata. Fl-ewwel lok, l-appellanti nfushom itennu f'din l-istanza wkoll li qegħdin fil-fatt jitolbu r-rexxissjoni tal-Kuntratt, ukoll jekk iqisu li dan huwa effett tal-ksur tal-ftehim li nħalaq bejn il-partijiet fl-2005. Din l-istqarrija[27] ma toqgħodx mad-dikjarazzjoni magħmula aktar tard[28] li l-qofol tal-azzjoni attriċi hija s-sejbien u d-

[27] Ara §3.2.1 tar-Rikors tal-Appell f'paġ. 401 tal-proċess.
[28] Ara §3.2.6 *ibid* f'paġ. 402 tal-proċess.

dikjarazzjoni li dak l-att nutarili huwa milqut b'nullità assoluta. Jidher sewwa li huma l-appellanti li għadhom ma fehmux li, fejn hemm nullità assoluta ta' kuntratt, ma hemmx lok ta' talba għat-tħassir jew rexxissjoni tiegħu. Ir-rexxissjoni ta' kuntratt timplika li dak l-att huwa annullabbli u mhux null, u għalhekk mhijiex l-istess ħaġa bħal dikjarazzjoni ta' nullità. L-użu tal-kelma "rexissjoni" fis-seba' talba għandu għan legali preċiż u jqiegħed 'il dik it-talba u 'l min irid jiddeċiedi dwar is-siwi tagħha f'qafas ġuridiku distintiv. Għalhekk, ma kinitx l-Ewwel Qorti li ma fehmitx sewwa n-natura u l-"*fundamentum agendi*" tat-talbiet attriċi u tal-eċċezzjonijiet preliminari li tqajmu kontrihom, imma huma l-appellanti nfushom li għadhom ma jridux jagħrfu l-effetti ta' dak li talbu fir-rikors maħluf tagħhom. Issa, biex jgħattu xturhom, iridu jitfgħu l-ħtija tan-nuqqas ta' apprezzament tajjeb fuq l-Ewwel Qorti u jippruvaw jagħmlu dan billi, f'din l-istanza, iressqu sottomissjoni li ma kienet saret fl-ebda waqt ieħor tal-kawża qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u li, bis-saħħa tagħha, qegħdin jittantaw jibdlu l-parametri tal-azzjoni kif nedewha;

21. Fit-tieni lok u b'rabta ma' dak li għadu kif ingħad, il-Qorti tqis ukoll li, minn qari tas-seba' talba attriċi, joħroġ ċar li hemmhekk l-appellanti lanqas ma qegħdin jitolbu t-tħassir jew rexxissjoni tal-Kuntratt kollu. Dan ifisser li l-appellanti nfushom iqisu li dak il-kuntratt mhuwiex null u bla effett "b'mod assolut" u lanqas li huwa rexxindibbli kollu kemm hu. Fil-fehma tal-Qorti, dan ukoll huwa atteġġament kontradittorju. Jekk is-seba'

talba kienet tabilħaqq talba għal dikjarazzjoni li l-kuntratt imsemmi ma kienx jiswa sa minn meta sar, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jintalab it-tħassir tiegħu, imma biss dikjarazzjoni li ma kienx jiswa. Wisq anqas ma setgħet tintalab ir-rexxissjoni ta' biċċa minnu. Tant l-appellanti ma kellhom qatt il-ħsieb li s-seba' talba tagħhom kellha tinftiehem bħala talba għal dikjarazzjoni tan-nullità tal-kuntratt, li fiha stess talbu l-ħatra ta' kuratur għall-kontumaċi u li l-Ewwel Qorti tipprefiġġi żmien u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tar-rexxissjoni ta' parti mill-istess kuntratt;

22. Fit-tielet lok, it-tifsira vera tat-talbiet attriċi trid tittieħed ukoll b'rabta mat-talbiet bejniethom, għaliex jekk it-talbiet ma joqogħdux flimkien, jolqtu s-siwi tal-azzjoni kollha. Hekk, b'riferenza għat-tielet talba attriċi, l-appellanti jqisu li l-ħlas li DM wettaq lil HSBC fil-Kuntratt qatel id-dejn. Dik it-talba titlef is-siwi tagħha jekk kemm-il darba s-seba' talba kellha titqies bħala waħda ta' dikjarazzjoni ta' nullità *ab initio* tal-istess Kuntratt li kien sewwasew il-prova tan-negozju tal-ħlas. It-tielet u s-seba' talbiet ma kinux talbiet alternattivi u, jekk kellhom jingħataw it-tifsira li jridu l-appellanti, kienu jwasslu għan-nullità tal-azzjoni tagħhom fuq is-saħħa ta' talbiet li ma joqogħdux flimkien. L-istess ħaġa jkollha tingħad dwar il-kawżali tal-qerq u tal-ksur tar-rabtiet fiduċjarji. Il-qerq ma jissemma mkien bħala kawżali fit-talbiet (magħduda t-tliet talbiet il-ġodda li ddaħħlu minflok it-tnejn li ntalab it-tħassir tagħhom): il-kelma "frawdolenti" ntużat darba waħda biss fil-premessi fir-rigward ta' DM waħdu bħalma wkoll fil-konfront

tiegħu jsiru allegazzjonijiet ta' ksur ta' obbligi fiduċjarji fil-konfront ta' Mizzi Group Limited. Il-Qorti ma tarax li għandha tilqa' l-argument tal-appellanti li l-qerq min-naħa ta' DM kien implikat fil-kliem użat fir-raba' talba u li l-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji min-naħa ta' HSBC kien implikat fil-kliem użat fis-sitt talba attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, iż-żewġ xiljiet – il-qerq u l-ksur tar-rabtiet fiduċjarji – kellhom jissemmew b'mod espress fit-talbiet għaliex il-portata tagħhom hija dik li tagħti x-xejra legali distintiva tat-talbiet li fihom jitqiegħdu. Fi kliem ieħor, il-qerq u l-ksur tal-obbligu fiduċjarju ma jistgħux joħorġu mill-kliem ġeneriku użat fit-talbiet attriċi *per equipollens* jew *ex necessaria consequentia* għaliex jippresumu l-istennija ta' rimedju speċifiku u ġuridikament distint. Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Ewwel Qorti tat tifsira tajba ta' dak li ntalab;

23. Fir-raba' lok, minħabba li l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni tqajmu biss fir-rigward tas-seba' talba attriċi u tat-tliet talbiet li ddaħħlu minflok tnejn oriġinali li tħassru, l-Ewwel Qorti riedet tqishom biss fil-konfront ta' dawk it-talbiet. L-appellanti jgħidu li l-ewwel sitt talbiet attriċi ma kinux milquta mill-eċċezzjonijiet preliminari li dwarhom ingħatat is-sentenza appellata u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiċħad it-talbiet kollha tagħhom. Il-Qorti tgħid li l-ewwel sitt talbiet tagħhom huma dikjaratorji u kollha jwasslu għas-seba' talba li, bħala fatt, hija l-ewwel waħda li titlob rimedju lil hinn minn sempliċi dikjarazzjoni. Għalhekk, b'żieda ma' dak li ngħad qabel, hekk kif l-Ewwel Qorti qieset x'kienet titlob is-seba' talba u

kejlet dik it-talba mal-eċċezzjonijiet preliminari li tqajmu kontriha, xogħol dik il-Qorti ma kienx jitlob li tara jekk dawk l-eċċezzjonijiet kinux joqtlu wkoll l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel sitt talbiet dikjaratorji;

24. Qabel ma tagħlaq fuq dan l-aggravju, il-Qorti jidhrilha li għandha tirrimarka li, sa fejn l-aggravju donnu jixli lill-Ewwel Qorti b'ultrapetizzjoni[29], ma ngħad xejn fis-sentenza appellata li jista' b'xi mod iwassal biex din il-Qorti ssib li dik il-Qorti ddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbitx jew aktar minn dak li ntalbet meta għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar in-natura tat-talbiet attriċi u s-siwi tal-eċċezzjonijiet preliminari li tqajmu kontrihom. Din il-Qorti tgħid ukoll li ma kienx xieraq li l-appellanti jippruvaw isaħħu l-aggravju tagħhom biċ-ċitazzjoni ta' silta minn xi sentenza[30] b'riferenza għal sentenza li fiha ma jkunx ingħad dak il-kliem. L-atti ġudizzjarji li jitressqu minn parti f'kawża jew f'isimha quddiem qorti għandu jkollhom mis-sewwa u l-lejaltà u l-etika professjonali tal-uffiċjal tal-qorti li jħejjihom jitolbu li lill-qorti jingħatalha tagħrif korrett biex tkun f'qagħda li tqis kif jixraq dak li jitressaq quddiemha u mhux tiddaħħal f'dubju dwar il-korrettezza ta' dak li jkun ingħad. Minkejja dan, il-Qorti seħħilha ssib liema kienet is-sentenza li minnha ttieħdet l-imsemmija silta[31] u tqis li ċ-ċirkostanzi ta' dik is-sentenza huma *toto coelo* differenti minn dawk fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha,

---

[29] § 3.2.4 tar-Rikors tal-Appell.

[30] §3.2.5 tar-Rikors tal-Appell.

[31] App. Inf. PS **14.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Azzopardi et v. Jacqueline Galea et.***

u bl-ebda mod ma jgħinu lill-appellanti biex juru li l-Ewwel Qorti naqset f'dan ir-rigward;

25. Għalhekk, dan l-aggravju mhux mistħoqq u mhux se jintlaqa';

26. Fit-**tieni aggravju** l-appellanti jisħqu li l-preskrizzjoni taħt l-Artikoli 1222 u 1224 tal-Kodiċi Ċivili mqajma kontrihom mill-appellati ma tgħoddx għaliex huma ma kinux kontraenti fil-Kuntratt li tiegħu qegħdin jitolbu r-rexxissjoni parzjali. Bla ħsara għall-argument tagħhom li l-azzjoni li fetħu hija waħda li ma taqax bil-preskrizzjoni, iżidu jfissru dan l-aggravju billi jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra "li l-azzjoni odjerna hija wkoll konfigurabbli fl-azzjoni pawljana li ssib il-bażi tagħha fil-qerq, preċiżament kif inhu l-każ odjern"[32]. Għalhekk, jgħidu li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-kawża mressqa minnhom hija dik tat-tletin (30) sena. B'hekk huma jiġġustifikaw is-seba' talba tagħhom għaliex jgħidu li, minkejja li ma kinux waħda mill-partijiet li dehru fuq il-Kuntratt, xorta waħda jistgħu jitolbu r-rexxissjoni ta' dak l-att nutarili fuq is-saħħa li seħħ qerq bi ħsara għall-kreditu li huma kellhom kontra waħda mill-partijiet li dehru fuq dak l-att;

27. HSBC jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li ladarba l-azzjoni attriċi hija waħda li titlob ir-rexxissjoni ta' att pubbliku, huwa l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili li jgħodd għall-każ u mhux xi żmien preskrittiv ieħor u, b'rabta

[32] § 3.3.2 tar-Rikors tal-Appell f'paġ. 402 tal-proċess.

mal-Artikolu 1223(1) tal-istess Kodiċi, is-sentejn bdew jgħaddu minn dakinhar li l-appellanti saru jafu bil-Kuntratt. L-eżami li wettqet l-Ewwel Qorti dwar kif beda miexi dak iż-żmien u jekk l-appellanti kinux jafu bil-Kuntratt kien wieħed korrett għall-aħħar u d-deċiżjoni li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn kienet tajba wkoll. HSBC iżid jgħid li, jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha tilqa' l-aggravju li l-Artikolu 1222 ma kienx jgħodd għall-każ, hija għandha ssib li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni l-oħra mqanqla – jiġifieri dik tal-ħames snin maħsuba fl-Artikolu 1224 tal-Kodiċi – minkejja li l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda pronunzjament dwar dik l-eċċepita preskrizzjoni (ladarba kienet aċċettat il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 1222) fir-rigward ta' HSBC imma liema eċċezzjoni l-Ewwel Qorti sabet li kienet mistħoqqa favur l-appellati l-oħrajn DM u DMH. HSBC jgħid li ż-żmien maħsub fl-Artikolu 1224 kien laħaq għadda qabel ma l-appellanti fetħu l-kawża. HSBC itemm jgħid li bl-argument tal-appellanti li l-azzjoni mressqa minnhom tista' titqies bħala l-azzjoni pawljana, hemm kontradizzjoni ma' dak li l-appellanti ssottomettew fl-ewwel aggravju tagħhom meta jgħidu li l-azzjoni tagħhom hija msejsa fuq in-nullità assoluta tal-Kuntratt. Fl-aħħar nett, il-Bank appellat jgħid li dan l-argument tal-appellanti qiegħed jitqajjem l-ewwel darba f'din l-istanza bil-għan li l-appellanti jippruvaw isalvaw b'kull mezz il-kawża li fetħu;

28. L-appellati DM u DMH jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li bih l-appellanti qegħdin jikkonfermaw li l-azzjoni tagħhom saret ħażin għaliex, ladarba ma kinux waħda mill-partijiet li dehru fuq il-Kuntratt, ma setgħux iressqu talbiet għat-tħassir tal-kuntratt. Jisħqu li, ladarba l-appellanti għoġobhom jitolbu r-rexxissjoni, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak li jissemma fl-eċċezzjoni preliminari li tqajmet kontra dik it-talba;

29. Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju wkoll jissejjes fuq in-natura tal-azzjoni mnedija mill-appellanti. L-ewwel ħsieb li jgħaddi hi u tqis dan l-aggravju hu li l-appellanti jmorru lura fuq dak li qalu fl-ewwel aggravju. Bil-għan li juru għaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-preskrizzjoni eċċepita marbuta mat-talba għar-rexxissjoni tal-Kuntratt, huma jisħqu li dik il-preskrizzjoni ma tgħoddx għalihom ladarba ma kinux xi waħda mill-partijiet li dehru fuq il-Kuntratt. Minn dan l-argument, din il-Qorti toħroġ bil-fehma li l-appellanti qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom li jressqu xenarji legali ta' kull għamla li, madankollu, ma juru xejn għajr tħabbil ta' kunċetti li ma joħorġux minn qari tal-att promotur. Issa mhux biss l-appellanti donnhom insew li fl-ewwel aggravju saħqu fuq li saħqu li l-azzjoni tagħhom kienet waħda maħsuba biex iġġib dikjarazzjoni ta' nullità ta' kuntratt, imma issa qegħdin jikkonfermaw li s-seba' talba tagħhom kienet waħda tabilħaqq ta' rexxissjoni tal-Kuntratt f'parti minnu, imma msejsa fuq indoli differenti. It-tismija tal-azzjoni pawljana wkoll qiegħda ssir f'din

l-istanza u din il-Qorti tqis li ma kinitx għażla tajba għall-appellanti għaliex tqiegħed l-argumenti tal-appell tagħhom f'qafas ta' kontradizzjoni;

30. Il-Qorti tqis li dan l-argument ma tressaqx quddiem l-Ewwel Qorti sa ma ngħatat is-sentenza appellata. Għalhekk, l-appellanti ma jistgħux jilmentaw li dik il-Qorti mxiet ħażin fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li ntalbet tistħarreġ. Fit-tieni lok, bit-tqanqil tal-prospettiva li l-azzjoni tagħhom kienet "konfigurabbli fl-azzjoni pawljana", l-appellanti qegħdin juru li qegħdin jittantaw jibdlu mill-qiegħ l-indoli tal-azzjoni tagħhom. Fl-istess waqt, bil-fatt li qegħdin jippruvaw jikkonvinċu lil din il-Qorti tqis l-azzjoni tagħhom bħala waħda mressqa taħt l-Artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili, qegħdin impliċitament jammettu li, jekk l-azzjoni hija tan-natura kif sabet l-Ewwel Qorti, allura ż-żmien tal-preskrizzjoni li jgħodd għall-każ kien sewwasew dak eċċepit mill-appellati;

31. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-azzjoni mressqa mill-appellanti mhijiex l-*actio pauliana*. Bla ma toqgħod ittenni dak li qalet qabel, il-Qorti tibqa' tal-fehma li l-azzjoni attriċi hija waħda li titlob rexxissjoni ta' att nutarili u mhux id-dikjarazzjoni tan-nullità tiegħu. Għalhekk, l-azzjoni attriċi kienet suġġetta għaż-żmien preskrittiv imsemmi fl-eċċezzjonijiet li kienu mistħarrġa u deċiżi fis-sentenza appellata. Il-Qorti tinnota li fl-ebda parti minn dan l-aggravju ma ssemma mill-appellanti li kellhom xi lment dwar il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-

Ewwel Qorti dwar minn meta beda miexi ż-żmien preskrittiv favur l-appellati. Ladarba ma tressaq l-ebda lment dwar dan, il-Qorti tqis li r-raġunijiet li tat l-Ewwel Qorti hi u tqis li l-appellanti kien ilhom żmien mgħarrfa bil-Kuntratt u setgħu jkunu jafu x'jgħid, kienu msejsa fuq konsiderazzjonijiet xierqa;

32. Fid-dawl ta' dan kollu, lanqas it-tieni aggravju ma jidher mistħoqq u mhux se jintlaqa';

33. Bit-**tielet aggravju** tagħhom l-appellanti jilmentaw mill-fatt li, fir-rigward tat-talbiet il-ġodda tagħhom imsejsa fuq id-danni, l-Ewwel Qorti għamlet ukoll apprezzament u tħaddim ħażin tal-liġi meta qieset li dawk it-talbiet waqgħu bil-preskrizzjoni tal-ħames (5) snin maħsuba fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Huma jgħidu li "d-danni reklamati u mitluba huma danni li jikkonsegwu mid-dikjarazzjoni mitluba dwar l-allegat att frawdolenti u r-riżultanti nullità assoluta tal-att attakkat u għalhekk ċertament li ma seta' qatt jiġi deċiż li t-talba għad-danni kienet preskritta"[33]. Iżidu jgħidu li l-preskrizzjoni ma setgħet qatt tibda miexja fil-konfront ta' DM u DMH għaliex l-azzjoni tagħhom titnissel mill-ftehim tal-2005 u, minkejja li l-qasma *de facto* tan-negozju kienet saret, il-"*Valuation Committee*" maħtur f'dak il-ftehim ma kienx għadu temm l-inkarigu tiegħu u għalhekk dak il-ftehim ma setax jingħalaq. B'riħet hekk, ukoll kieku l-

[33] §3.4.1 f'paġ. 403 tal-proċess.

azzjoni attriċi kienet suġġetta għal xi preskrizzjoni, iż-żmien jinsab sospiż skont l-Artikolu 2125 tal-Kodiċi Ċivili sakemm jitwettaq il-ftehim tal-2005. Minbarra dan, l-appellanti jgħidu li l-obbligazzjonijiet fiduċjarji ma jaqgħux bil-preskrizzjoni. Jgħidu li, bħala direttur ta' Mizzi Group Limited, DM kellu obbligi fiduċjarji lejha u lejhom; filwaqt li HSBC ukoll, bħala depożitarju tal-flejjes depożitati miegħu mill-kumpaniji fil-grupp, għandu lejhom l-istess obbligi fiduċjarji li għandu mal-klijenti kollha tiegħu. Jgħidu wkoll li, bejn il-partijiet infushom minħabba l-irwoli tagħhom, jeżistu obbligi fiduċjarji li ħadd minnhom ma jiggwadanja bi ħsara għal xi parti oħra li lejha għandha xi obbligazzjoni fiduċjarja;

34. HSBC jilqa' għal dan l-aggravju billi jiċħad li t-talbiet għad-danni huma marbuta mal-ftehim tal-2005. Jisħaq li l-azzjoni attriċi tintrabat mal-Kuntratt għaliex huwa ċar li l-appellanti jsejsu l-kawża tagħhom fuq dak l-att u l-imġiba abbużiva u illegali li biha jixlu lill-appellati tintrabat sewwasew mal-Kuntratt u dak li nqabel fih, u dan joħroġ ukoll minn kif tfasslet it-tmien talba attriċi li ssemmi biss lill-Kuntratt u ma ssemmi mkien il-ftehim tal-2005. Jgħid għalhekk li l-Ewwel Qorti mxiet sewwa meta sabet li l-azzjoni attriċi fir-rigward tat-talbiet għad-danni sabet sewwa meta ħaddmet dak li jgħid l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u sabet li l-azzjoni attriċi kienet tressqet wara li għalaq iż-żmien hemm imsemmi, jiġifieri minn dakinhar li seħħet il-ħsara allegata u mhux minn dakinhar li l-appellanti setgħu ntebħu biha. Dwar l-aggravju sa fejn l-appellanti jixlu

lil HSBC bi ksur tal-obbligi fiduċjarji, il-Bank appellat jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1124F tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddux għall-każ għaliex daħal fis-seħħ wara li kienet tressqet il-kawża u għalhekk jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1124J(ċ) tal-istess Kodiċi. Fl-aħħarnett, HSBC iwarrab ukoll l-argumenti dwar preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2154(2) tal-Kodiċi Ċivili billi jgħid li ma kien hemm l-ebda prova ta' qerq jew frodi min-naħa tal-Bank u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx tista' tidħol f'konsiderazzjonijiet taħt dak l-artikolu;

35. L-appellati DM u DMH jiġbdu l-attenzjoni li, sa fejn dan l-aggravju jintrabat mal-argument li t-talbiet attriċi jissejsu fuq allegazzjoni ta' qerq jew frodi u n-nullità li ma taqax bi preskrizzjoni, l-ilment jaqa' mill-ewwel għaliex l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma tinkludi dikjarazzjoni ta' frodi jew nullità. Minbarra dan, l-appellati jgħidu li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellanti milli jmexxu biex jattakkaw il-Kuntratt ħafna żmien qabel ma attwalment infetħet il-kawża, u mhux sewwa li l-appellanti jippretendu li ż-żmien biex iressqu l-kawża jagħżluh huma meta jogħġobhom bil-"preskrizzjoni baqgħet sospiża tistenna l-kumdità tagħhom"[34]. Iżidu jgħidu li l-inerzja tal-attur ma twaqqafx id-dekorrenza tal-preskrizzjoni. Iwarrbu wkoll l-argument tal-appellanti li, ladarba l-ftehim tal-2005 għadu ma twettaqx, allura ż-żmien tal-preskrizzjoni ma kompliex miexi: jgħidu li dan huwa minnu, allura l-fatt li l-appellanti fetħu l-kawża jixhed li, bil-

[34] Risposta tal-Appell f'paġ. 427 tal-proċess.

ftehim tal-2005 u mingħajru, il-kawża setgħet tinfetaħ u għalhekk mhux ta' min joqgħod fuq il-ftehim tal-2005 bħala raġuni tajba biex iqis din il-kawża. Filwaqt li jtennu li l-azzjoni tal-lum iddur madwar il-Kuntratt, imieru lill-appellanti dwar il-preskrizzjoni sospiża għall-għanijiet tal-Artikolu 2125 u l-Artikolu 1124F tal-Kodiċi għall-istess raġunijiet li ġab 'il quddiem HSBC;

36. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li t-talbiet marbuta mad-danni jimmiraw għall-Kuntratt u l-imġiba tal-appellati sewwasew għaliex f'dak l-att nutarili sar il-ħlas b'surroga. Il-ftehim tal-2005 ma jidħol xejn f'dan kollu u li kieku fil-Kuntratt HSBC ma ssurrogax lil DM fil-jeddijiet tiegħu, l-azzjoni tal-lum lanqas biss kienet titressaq. Lil hinn minn dan kollu, ladarba t-talbiet tad-danni jintrabtu mas-seba' talba attriċi, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għażla oħra ħlief li tqis il-preskrizzjonijiet ulterjuri eċċepiti mil-lenti tal-konsiderazzjonijiet li hija għamlet meta qieset in-natura tal-azzjoni attriċi. Il-fehmiet ta' din il-Qorti dwar l-eżerċizzju magħmul mill-Ewwel Qorti fl-ewwel aggravju, jgħoddu għal dan l-aggravju wkoll;

37. It-tismija ta' żminijiet preskrittivi oħrajn min-naħa tal-appellanti ma hija bl-ebda mod rilevanti għall-għanijiet tal-appell imressaq mis-sentenza appellata għaliex la kien xogħol l-Ewwel Qorti u lanqas xogħol din il-Qorti li tikkunsidra u tqis preskrizzjonijiet li ma jkunux tqajmu f'eċċezzjoni, u lanqas li tindika liema preskrizzjoni oħra kienet tgħodd

għall-każ. Fejn, imbagħad, l-appellanti jargumentaw li l-azzjoni mnedija minnhom ma taqa' bl-ebda preskrizzjoni, il-Qorti ssib li fl-ebda waħda mill-ipoteżi msemmija minnhom ma jqumu ċ-ċirkostanzi tan-nuqqas ta' preskrivibilità li jsemmu. Fil-każ li l-appellanti jsemmu taħt l-Artikolu 2154(2) tal-Kodiċi Ċivili, ma hemm l-ebda prova li xi wieħed mill-appellati nstab ħati ta' reat ta' frodi. Kif ingħad qabel, ma hemm l-ebda talba fir-rikors promotur li tissejjes espressament fuq xi frodi mħaddma minn xi waħda mill-partijiet imħarrkin. Sa fejn l-appellanti jindikaw in-non-preskrivibilità tat-talbiet tagħhom sa fejn imsejsa fuq ksur ta' obbligi fiduċjarji, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1124F tal-Kodiċi ma jgħoddux għall-każ li seħħ meta dawk id-dispożizzjonijiet kien għad fadlilhom is-snin biex jaraw id-dawl tax-xemx u jsibu posthom fl-imsemmi Kodiċi[35];

38. Mill-bqija, din il-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar il-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2156(f) huma f'posthom. Għalkemm konċiżi, huma konsiderazzjonijiet rilevanti u bl-ebda mod irraġonevoli. Wieħed irid iqis li s-sentenza appellata ngħatat fi stadju meta l-provi ma kinux għadhom tressqu u fejn l-istħarriġ li sar mill-Ewwel Qorti kien marbut ma' dak li kien jidher mill-atti li bih infetħet il-kawża u dawk li tressqu b'kontestazzjoni għalihom;

39. Għalhekk, dan l-aggravju mhux tajjeb u mhux se jintlaqa';

---

[35] Ara Art. 1124J(ċ) tal-Kap 16.

***Decide:***

40. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-atturi bħala infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għalkollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2023, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm